MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Numru. 1414/2011

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Abdullahi Jimale Hassan, imwieled is-Somalja fl-1 ta' Jannar, 1988, karta ta' l-identita numru 43988A

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fl-24 ta' Diċembru, 2011 għal ħabta tas-7.00 a.m. ġewwa ċ-Ċentru miftuħ tal-Marsa f'Xatt il-Mollijiet, Marsa, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra kuntistabbli tal-pulizija, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi fl-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti u ikkaġunalu ferita ta' natura ħafifa hekk kif

iċċertifikat minn Dr. Frances Dalli Badjajdi M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana;

2. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. talli fl-istess ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihiex jew fixklu waqt li jkun qed jaqdi l-qadi ta' dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmieru billi ma ħallhiex lill-pulizija jagħmel b'dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor jkun għamel skont il-liġi;

4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża' lil Mohammed Ali Mubarek, residenti ġewwa ċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa, li ser tittuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

5. talli f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku instab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma dorob jew sawwat lil Mohammed Ali Mubarek qbad arma, cioe' sikkina, kontrih;

7. talli ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun, mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Lummissarju tal-Pulizija;

8. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

9. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Mohammed Ali Mubarek inġurji jew theddid mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali;

10. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Mohammed Ali Mubarek u tapplika l-

provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta’ Lulju, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
1. fl-artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 214 u 221 bl-applikazzjoni tal-kwalifika msemmija fl-artikolu 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali;
6. fl-artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali;
7. fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;
9. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
10. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; u
11. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 95(1), 96(a), 221(1), 222(1)(ċ), 251B(1), 338(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta U tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------